**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 161/19/B

Hon. Dr. Maria Deguara
Vs
O'Hea Opticians

Illum, 11 ta' Jannar, 2021

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fid-18 ta' Novembru, 2019 li permezz tieghu ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal tikkundanna lill-initmati sabiex ihallsu is-somma ta'erbgha mija tnejn u tletin Euro (€ 432) li jirraprezentaw refuzjoni ta' spejjez inkorsi sabiex jigi msewwi nuccali tal-vista wara li gie ddaneggjat mill-intimati.

Ra illi l-intimati wiegbu permess ta' risposta datata 03 ta' Dicembru 2019 fejn rrispingew t-talba maghmula mir-rikorrenti primarjament peress illi kull xoghol li jsir fil-laboratorju tal-ottika huwa ghar-riskju tal-klijent u fit-tieni lok, illi s-socjeta' intimata pprovdiet nuccali gdid lir-rikorrenti liema offerta kienet giet accettata u ghalhekk huma maghhomx jinzammu responsabbli ghad-danni.

Ra l-Atti tal-process;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi mill-fatti tal-kaz jidher illi l-pern tal-kaz odjern huwa responsabilita o meno tal-initmati ghall-hsarat kkawzati fin-nuccali tar-rikorrenti waqt r-riparazzjoni tan-nuccal fil-laboratorju tal-ottika tal-initmati.

Illi r-rikorrenti ikkonfermat bil-gurament l-avviz minnha mressaq fejn spjegat illi rrikorriet gewwa O'Hea Pharmacy Gzira sabiex tibdel *'silicone nose pad'* minn Fuq in-nuccali taghha. Rikorrenti spjegat illi hija kienet qed tigi assistita minn Ritianne Spiteri illi kienet infurmata illi tista tibdel z-zewg *'silicone nose pads'* ghal size izghar peress illi ma Kelliex

*silicone nose pad* tal-istess daqs li r-rikorrenti kellha fuq in-nuccali taghha. Illi r-rikorrenti tispjega illi hija accettat li taghmel dan gialadarba dan ma jaffettwax n-nuccali u lenti. Illi r-rikorrenti tispjega illi hija dahlet mas-sinjura Spiteri gewwa l-laboratorju fejn hemmekk innutat illi kien hemm diffikulta sabiex *nose pad* tinqala. Illi filfatt kien f'dan il-punt li inqasam il-*bridge* tan-nuccali. Ir-rikorrenti spejgat illi hija ma kelliex nuccali iehor u li dan in-nuccali kien essenzjali ghaliha peress li kienet ser issiefer xi ftit granet wara ghal tlett gimghat.

Illi rikorrenti spjegat li hija giet infurmata illi sabiex jigi installat *bridge* gdid kellhom isiru zewg toqbiet fil-frame izda peress li l-frame kien *Linberg* u l-lenti tad-ditta *Seiko* hija kienet ser terga tibat in-nuccali mas-supplier f'Londra. Illi Ritianne Spiteri nfurmata illi setghet tinstalla *bridge* temporanju sabiex r-rikorrenti tkun tista tuza n-nuccali temporanjament pero' kif n-nucali gie ritornat lura r-rikorrenti nnutat zewg girfiet fuq il-lenti. Rikorrenti tispjega illi l-intimati ghamlu offerta li jibdlu n-nuccali ghal wiehed gdid, hija tispjega li accettat diment illi jkun tal-istess kwalita' specjalment peress li hija kienet ser issiefer fi zmien 4 ijiem u ghalhekk baqghet illi kellha tibghat il-*prescription* tal-istess nuccali.

Illi rikorrenti tispjega li nghatat n-nuccali ftit jiem wara ossija lejliet qabel hija siefret pero hija sahqet illi l-kwalita' tal-istess nuccali kienet ferm inferjuri: *"the quality of the lenses left much to be desired. The clarity of the lenses was inferior to the ones I had and that the contour of the field of vision at the edges was distorted"*.
Rikorrenti spjegat illi accettat l-istess nuccali temporanjament peress li kellha ssiefer l-ghada.

Xehed bil-gurament l-Onorevoli Dr. Deguara illi spejga illi meta hu u martu kienu barra minn Malta (ossija wara l-incident mertu tal-kawza) r-rikorrenti ma bdieta tara tajjeb. Filfatt meta qablu l-prescription mahruga mill-Ingilterra u dik tal-intimati kien hemm varjazzjonijiet fin-nuccali li ghamlu ghar-rikorrenti u kien ghalhekk illi hija ma kienetx qed tara tajjeb.

Illi xhedet Celia Melillo in rapprezentanza tal-intimati fejn spjegat illi l-intimati ghandhom 20 sena esperjenza. Illi xhud spejgat li kull riparazzjoni kienet qed issir ghar-riskju tal-klijent, liema fatt ir-rikorrenti accetatu. Illi x-xhud accettat illi l-*bridge* inqala minn Ritianne Spiteri pero hija tghid li l-lense giet migrufa minhabba pressjoni zejda minn naha tar-rikorrenti li sahansitra dahlet fil-laboratorju meta pubbliku mhux permess. Hija tghid ukoll li hija nfuramt lir-rikorrenti li ma setghetx tipprovdi lense Seiko u skont kif hija nfurmata dawn huma ekwivalent ghal *Esalor* lenses.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jinnota illi l-intimati qed iqajmu d-difiza illi kull xoghol li jsir fil-laboratorju huwa ghar-riskju tal-klijent. Illi filfatt fir-risposta taghhom l-intimati jishqu: *"Ghalhekk ir-rikorrenti accetat ir-riskju li kien hemm u l-esponenti ma tista tifhem kif minkejja dan, ir-rikorrenti qed tadixxi lil dan it-Tribunal"*. Pero l-istess Tribunal ma jistax ma jinnuttax illi din id-dfiza hija kontradetta bl-ghemil tal-intimati stess illi mhux biss accettaw responsabilita tal-hsara izda nuccali frameless gdid lir-rikorrenti.

Illi t-Tribunal l-anqas ma jista jaccetta d-difiza mressqa mill-intimati illi l-hsara fil-lenti sehhet minhabba pressjoni tar-rikorrenti, tant illi Xhud Celia Melillo tghid: *"Nispjega illi minhabba it-tensjoni li kien hemm l-assistenta girfet l-istess lenti peress li Dr Deguara was breathing down her neck"*. Filwaqt li t-Ribuna jista jifhem l-pressjoni li l-konsumatur setghet ghamlet lill-haddiema ghan-nuccali taghha pero jekk jekk r-rikorrenti ma kienetx permessa li tidhol fil-laboratorju allura kien l-intimati illi jitolbuha sabiex tohrog kif wara kollox gara meta gie installa l-*bridge*.

Illi ghalhekk it-Tribunal ghandu jikkunsidra jekk l-accettazzjoni tan-nuccali l-gdid mir-rikorrenti kienetx wahda a saldu tal-pretensjonijiet bejn il-partijiet. Minn naha Wahda r-rikorrenti tishaq illi hija kienet ser taccetta n-nuccali biss f'kaz li kien tal-istess kwalita ta' dak li gie dannegjat. Hija sehqet illi n-nuccali ma kienx tal-istess kwalita u kienet haditu biss peress li kienet ser issifer l-ghada u ghalhekk kellha bzonn nuccali tal-vista. Minn naha l-ohra l-intimati jinsistu illi huma provdew nuccali u lenti li ghandhom kwalita ekwivalent ghal dawk tar-rikorrenti. Illi t-Tribunal huwa sprovvist mit-teknika sabiex jidditermina jekk effettivament dawn in-nuccalijiet humiex ekwivalenti o meno u l-anqas mhu ser jidhol f'dan id-dibattitu.

Tribunal jinnota illi l-partijiet kien waslu ghal ftehim illi isir nuccali gdid skont il-*prescription* lir-rikorrenti kellha minn Hodd, Barnes & Dickins. Illi Celia Mellio tghid illi hija rceviet din l-*prescription* liema *prescription* giet pprezentata bhala Dok 'A'. Minn naha l-ohra r-rikorrenti prezentat l-guarantee card bhala Dok 'B' bil-*prescription* tal-lenti maghmula mill-intimati. Illi r-rikorrenti tishaqq li hemm varjazzjonijiet bejniethom tant illi minn-nuccali maghmul mir-rikorrenti hija ma setghetx tara sew. Minn anazli taz-zewg Dokumenti jidher illi hemm varazzjonijiet Liema varjazzjonijiet qatt ma gew imfissra mill-intimati.

Ghalhekk fic-cirkustanzi, it-Tribunal iqis illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha in kwantu illi r-rikorrenti ghandha tigi rimoborzata l-ispiza tar-riparazzjoni tan-nuccali fl-ammont ta' £ 95 (Ara Dok A) ekwivalenti ghal € 105 u dan peress illi n-nuccali maghmul mill-intimati ma ghandhux l-istess specifications imnizzla fil-*prescription* prodvuta mir-rikorrenti u ghalhekk ma sarx skont il-ftehim tal-partijiet.

DECIDE

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jilqa' in parti t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimati hallsu s-somma ta' mija u hames Euro (€ 105) rapprezentanti riparazzjoni tan-nuccali tal-vista.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-initmati.

Avv. Paul Borg
Arbitru